

# DMV Vented Scleral Cup™

## Għal Lentijiet tal-Kuntatt Ibridi u Sklerali

**Użu Intenzjonat**

DMV Vented Scleral Cup hija ddisinjata għal biex wieħed idaħħal lentijiet tal-kuntatt Ibridi u Sklerali.

**Istruzzjonijiet għall-użu**

⚠ Qabel ma tużah għall-ewwel darba, naddaf it-tagħmir b'70% isopropyl alcohol u ħallieh jinxef b'mod naturali.

Inserzjoni – Kanal tal-arja jgħaddi minn ġot-tagħmir biex jiddiżattiva l-ġbid tal-arja. Dan jippermetti li lenti tal-kuntatt tkun tista' titqiegħed fuq l-għajn mingħajr ma teħel mat-tagħmir. Żomm it-tagħmir f'pożizzjoni vertikali u poġġi l-lenti tal-kuntatt fit-tazza tal-ġbid tal-arja. Kun żgur li timla l-lenti bis-soluzzjoni approvata meta ddaħħal lentijiet Ibridi jew Sklerali. B'attenzjoni għolli t-tagħmir lejn l-għajn miftuħa u miss il-lenti mal-għajn billi tuża mera.

Segwi l-istruzzjonijiet tal-fitter tal-lenti tal-kuntatt tiegħek/tal-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

**Tindif**

Kull darba wara li tuża DMV Vented Scleral Cup, naddafha b'70% isopropyl alcohol u ħalliha tinxef b'mod naturali. Aħżen it-tagħmir fil-kaxxa tiegħu wara li jinxef. **Żomm il-kanal tal-arja ħieles mill-fdalijiet.** Ippjana li tissostitwixxieh darba kull sitt xhur.

⚠ **Prekawzjoni:** Jekk tapplika t-tagħmir aċċidentalment mal-wiċċ tal-għajn, kemm tiġbdu lura minn mal-għajn, għax ma jkun hemm l-ebda ġbid tal-arja. Evita li tmexxi t-tagħmir fuq il-wiċċ tal-għajn.

⚠ **Attenzjoni:** Jekk jogħġbok żomm dan il-prodott 'il bogħod mil-likwidi bħal krema tal-idejn, ġells tax-xagħar, likwidu għat-tneħħija tal-verniċ tad-dwiefer u sustanzi ossidanti qawwijin.

⚠ **Attenzjoni:** Periklu ta' fgar. Żomm dan u l-apparati mediċi kollha 'l bogħod minn tfal żgħar. Dan il-prodott mhux rakkomandat biex jintuża ma'
għajnejn li għandhom xi mard jew ħsara. Jekk tesperjenza irritazzjoni fl-għajnejn, indeboliment jew uġigħ fil-vista mhux tas-soltu, ikkonsulta lill-professjonista tal-kura tal-għajnejn tiegħek.

⚠ **Attenzjoni:** Għalkemm m'hemm l-ebda evidenza ta' problemi ta' allerġija b'dan il-prodott, **fih gomma naturali xotta. Ma fihx latex likwidu**, allerġen magħruf.

⚠ **TUŻAX dan it-tagħmir GĦAT-TNEĦĦIJA tal-lentijiet tal-kuntatt.**

Jekk kellek kwalunkwe inċident serju b'rabta ma' dan it-tagħmir, irrappurtah lill-manifattur. Jekk inti residenti fl-UE, irrapporta l-inċident lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li inti stabbilit fih.

Dan il-prodott jippermetti lil persuni li jilbsu l-lentijiet tal-kuntatt biex idaħħlu u/jew ineħħu l-lentijiet tal-kuntatt tagħhom sabiex jużawhom skont l-iskop intenzjonat. Għalhekk dan il-prodott huwa meqjus li huwa apparat mediku.

MD — Dan il-prodott huwa apparat mediku

Ipproteġi mix-xemx diretta

105°C / 220°F — Taħżinx f'temperatura ogħla minn 105° C/220°F

Pazjent wieħed - użu multiplu

Aqra l-Istruzzjonijiet għall-Użu dmvcorp.com

Data tal-Manifattura

CE — Distribution Europe:
Prolens AG, Josefstrasse 53
CH-8005, Zürich

DMV Corporation
1024 Military Road
Zanesville, Ohio 43701 - USA

EC REP — Emergo Europe
Prinsessegracht 20
2514 AP, The Hague - The Netherlands